MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 670/2005

**Peak Insurance Agency Limited (C-11185) u b'digriet tat-12 t'April, 2005 gie ordnat li l-kliem « Peak Insurance Agency Limited » jigu sostitwiti bil-kliem « Peak Insurance Brokers Ltd. »**
**vs**
**Carmel Pace (ID282166M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Marzu, 2005, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u erba' centezmi (Lm623.04) u fejn intqal :**
**Illi l-konvenut kien ikkuntratta lis-socjeta` attrici sabiex tfornih b'diversi poloz ta' l-Assikurazzjoni, liema « cover » gie pprovdut mis-socjeta` attrici.**
**Illi l-ammont dovut mill-konvenut fir-rigward ta' tali poloz u taxxa tal-boll jammonta ghal sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u erba' centezmi (Lm623.04).**

**Illi wara diversi interpellanzi illi saru lill-konvenut sabiex jeffettwa l-hlas dovut minnu, l-istess konvenut baqa’ inadempjenti.**
**Ghaldaqstant s-socjeta` attrici talbet li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u erba’ centezmi (Lm623.04), bl-ispejjez u interessi mid-data ta’ l-invoice.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-9 ta’ Marzu, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa‘ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u erba’ centezmi (Lm623.04), bl-imghax legali dekkoribbli mill-lum.**
**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------